

Brussell, 31 ta' Ottubru 2018  
(OR. en)

13636/18

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2018/0337(NLE)**

---

---

**ENV 697  
COMER 109  
MI 770  
ONU 92**

**NOTA PUNT "I/A"**

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12561/18 - COM(2018) 657 final
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea waqt it-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'rabta mal-adozzjoni tal-linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, apparti l-iskart tal-merkurju, imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni - Adozzjoni

---

1. Fl-10 ta' Ottubru 2013 il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju (il-"Konvenzjoni"), li ġiet innegozjata taħt il-patroċinju tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEP), ġiet adottata f'Kumamoto, il-Ġappun, u daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Awwissu 2017. Ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2017/939<sup>1</sup>. Il-Konvenzjoni tipprevedi qafas għall-kontroll u l-limitazzjoni tal-użu tal-merkurju u l-komposti tal-merkurju, u l-emissjonijiet u r-rilaxxi antropoġeniċi tagħhom, fl-arja, fl-ilma u fuq l-art, bil-għan li jitħarsu s-saħħa tal-bniedem u l-ambjent.

---

<sup>1</sup> ĠU L 142, 2.6.2017, p. 4

2. It-tieni laqgħa tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni (COP 2) ser issir bejn id-19 u t-23 ta' Novembru 2018 f'Ġinevra u fost affarijiet oħra hi mitluba tadotta linji gwida dwar il-ħażna temporanja ambjentalment korretta tal-merkurju, apparti l-iskart tal-merkurju, imsemmija fil-paragrafi 2 u 3 tal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni.
3. Fis-26 ta' Settembru 2018, il-Kummissjoni pproponiet abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni rilevanti li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-COP 2<sup>2</sup>. Il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Ambjent ikkunsidra l-proposta fil-5 ta' Ottubru 2018. It-test ta' kompromess tal-Presidenza<sup>3</sup>, li sussegwentement ġie ppreżentat lill-Istati Membri bil-miktub, kien aċċettabbli għad-delegazzjonijiet kollha.
8. Għalhekk huwa ssuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jirrakkomanda li l-Kunsill
  - bħala punt "A" f'sessjoni li jmiss, jadotta d-Deċiżjoni li tinsab fid-dok. 13416/18 kif iffinalizzata mill-ġuristi-lingwisti;
  - jgħarraf lill-Parlament Ewropew bid-Deċiżjoni tiegħu skont l-Artikolu 218(10) TFUE.

---

<sup>2</sup> Dok. 12561/18

<sup>3</sup> Dok. 13374/18